# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 39**

**Rikors numru 167/2021/1 LM**

**Leonard Galea, Andrew Galea, Louise Anne Degiorgio, Mary armla mid-Dentist Edwin Galea, bħala użufruttwarja tal-mejjet żewġha għal kull interess li jista' jkollha**

**v.**

**Avukat tal-Istat, Gaetano Barbara**

1. Ir-rikorrenti appellaw mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tal-20 ta' April 2022 li ċaħdet l-ilment tagħhom li l-Ordinanza Li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini (Kap. 69) u l-Att X tal-2009 jikser il-jedd fundamentali protett taħt l-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Art. 37 tal-Kostituzzjoni.

2. Il-fatti li wasslu għall-kawża tal-lum ġew imfissra hekk mir-rikorrenti:

> *"i. ir-rikorrenti huma proprjetarji u usufruttwarja tal-fond **739, Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun**, liema fond huma akkwistaw per via di successione mill-eredità tal-mejjet missierhom id-Dentist Edwin Galea, li miet fit-22 ta' Mejju 2017 u li l-wirt tiegħu ddevolva b'testment tas-7 ta' Lulju 2010 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard, kif jirrizulta minn dikjarazzjoni causa mortis tal-15 ta' Mejju 2018 fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Joseph Galea, hawn anness u mmarkat bħala **"Dokument A".***
>
> *ii. Illi l-fond in kwistjoni mhux fond dekontrollat kif jirrizulta mid-**"Dokument B"** hawn anness.*
>
> *iii. Illi l-imsemmi fond ilu mikri lill-antenati tal-intimat Barbara, u wara l-mewt tagħhom, lilu għal dawn l-aħħar sittin (60) sena.*
>
> *iv. Illi l-kera li l-imsemmi Gaetano Barbara qed iħallas jammonta għal €209.44ċ fis-sena."*

3. Ir-rikorrenti fetħu l-kawża fis-17 ta' Marzu 2021 u qalu li kemm huma kif ukoll l-awtur tagħhom ġarrbu ksur ta' dritt fundamentali għaliex ma setgħux jikru l-fond in kwistjoni b'kera li jirrifletti l-valur lokatizju fis-suq ħieles u kif ukoll minħabba l-protezzjoni li d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini ["Kap. 69"] taw u għadhom jagħtu lill-intimat Barbara b'mod li m'huwiex jinżamm bilanċ bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-kerrej. Talbu għalhekk lill-Qorti:

> *"(I) Tiddikjara u Tiddeċiedi illi fil-konfront tar-rikorrenti il-fatti suesposti u l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola it-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009, bl-operazzjonijiet tal-Liġijiet viġenti qegħdin jagħtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimat Gaetano Barbara (K.I.33965M) għall-fond 739, Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti inter alia fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta), u b'hekk għar-raġunijiet fuq esposti u dawk li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti għandu jingħata r-rimedji kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fis-sitwazzjoni.*

*(II) Konsegwentement Tiddikjara u Tiddeċiedi illi ġew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjetà 739, Triq il-Kbira, Ħamrun, bi vjolazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u b'hekk tagħti lir-rikorrenti ir-rimedji kollha li jidhrulha xierqa fis-sitwazzjoni.*

*(III) Konsegwentement Tiddikjara u Tiddeċiedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009 li ma kkreawx bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin stante illi ma rriflettewx is-suq u l-anqas il-valur lokatizju tal-proprjetà in kwistjoni wkoll ai termini tal-Ligi;*

*(IV) Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunajarji u non pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti ai termini tal-liġi;*

*(V) Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat jħallas l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji hekk likwidati ai termini tal-Ligi, bl-imghax legali mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagmament.*

*Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni ta' l-intimat minn issa in subizzjoni"*

4. Permezz ta' risposta ppreżentata fil-21 ta' April 2021 l-Avukat tal-Istat *inter alia* wieġeb:

*"1. Illi in vena prelimari r-rikorrenti iridu jġibu l-aħjar prova rigward it-titolu li għandom fil-fond mertu ta' din il-kawża u ċioé ta' 739, Triq il-Kbira San Ġużepp, il-Ħamrun u jridu jġibu prova tal-kirja li qiegħdin jattakkaw permezz ta' din il-kawża;"*

5. Permezz ta' risposta ppreżentata fil-25 ta' Awwissu 2021, l-intimat Barbara wieġeb li m'huwiex il-leġittimu kontradittur u li dejjem qagħad għal dak li jgħidu l-liġijiet.

6. Permezz tas-sentenza appellata, mogħtija fl-20 ta' April 2022, l-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

*“**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet l-oħra tiegħu u tal-intimat Barbara, filwaqt li tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.***

***Il-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu fl-intier tagħhom mir-rikorrenti.**”*

7. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew spjegati hekk:

*“10. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex qabel xejn tindirizza l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimat Avukat tal-Istat. Fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-intimat Avukat tal-Istat jikkontendi li r-rikorrenti għandhom iġibu l-aħjar prova tat-titolu tagħhom fuq il-fond, kif ukoll prova tal-kirja li huma qegħdin jattakkaw.*

*11. Għal dak li jirrigwarda t-titolu tagħhom, il-Qorti tirrileva li fi proċeduri bħal dawk odjerni, mhuwiex mistenni mir-rikorrenti li jġibu prova assoluta tat-titolu tagħhom, għaliex proprju l-kwistjoni ma tirrigwardax it-titolu. Huwa biżżejjed li l-Qorti tinsab sodisfatta li huma tassew is-sidien tal-fond in kwistjoni, u fil-kawża odjerna il-grad tal-prova mistenni mingħandhom intleħaq. Iżda l-istess ma jistax jingħad fir-rigward tal-prova tal-kirja li allegatament teżisti bejnhom u l-intimat Barbara, għaliex fil-każ odjern din il-prova hija nieqsa għal kollox. Ir-rikorrenti jallegaw li l-fond ilu jinkera għal dawn l-aħħar sittin sena lill-imsemmi ntimat u lill-antennati tiegħu, iżda anki l-intimat saħansitra jgħid fl-affidavit tiegħu li xi darba dan il-fond kien soġġett għal konċessjoni enfitewtika, possibilment il-Qorti tifhem waħda temporanja li sussegwentement inqalbet skont id-disposizzjonijiet tal-liġi għal lokazzjoni. Barra minn hekk, ma tistax tonqos li tirrileva li fl-att ta’ dikjarazzjoni causa mortis magħmul mir-rikorrenti, huma kienu ndikaw li l-fond kien liberu u frank*[1]*, li biha l-Qorti tista’ biss tifhem li l-fond ma kienx soġġett għal konċessjoni enfitewtika u wisq inqas għal lokazzjoni, it-tnejn essenzjali sabiex jiġi stabbilit il-valur tiegħu ta’ €30,000 kif indikat minnhom għall-fini tal-kalkolu tal-ħlas tat-taxxa ta’ suċċessjoni pagabbli.*

*12. Għaldaqstant din il-Qorti ssib l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat ġustifikata limitatament kif ingħad hawn fuq, u għalhekk tilqagħha u stante li dan qed iġib fix-xejn it-talbiet tar-rikorrenti, hija ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimati.”*

[1] Ara *fol.* 15.

8. Ir-rikorrenti appellaw b'rikors ippreżentat fil-25 ta' April 2022 u talbu lil din il-Qorti:

> *"tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-20 ta' April 2022 u minflok tgħaddi biex tilqa' t-talbiet attriċi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati appellati u tillikwida id-dani pekunjarji fl-ammont ta' mhux inqas minn €47,711.60, jew somma oħra verjuri, oltre dannu non-pekunarju ammontanti għal mill-inqas €15,000, globalment ammontanti għal €62,711.60.*
>
> *Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat appellat Avukat tal-Istat"*

9. L-Avukat tal-Istat wieġeb illi l-appell tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.

10. L-intimat Barbara reġa' qal li mhuwiex il-leġittimu kontradittur; li huwa ilu jgħix fil-fond ferm qabel l-1995 (oriġinarjament mal-ġenituri tiegħu u wara l-mewt tagħhom waħdu); u li kemm hu u kif ukoll il-ġenituri tiegħu qablu dejjem osservaw il-liġi.

Permezz ta' nota ppreżentata fl-atti tal-appell fil-31 ta' Mejju 2022, ir-rikorrenti ppreżentaw sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tas-27 ta' Mejju 2022 u li biha żdiedet il-kera għal €3,000 fis-sena b'seħħ mid-data tas-sentenza.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

11. Ir-rikorrenti jilmentaw illi *"mill-proċess jirriżulta bl-aktar mod ċar illi dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti huwa għal kollox skorrett".* Isostnu li

filwaqt li huma ressqu l-aħjar prova, kemm dwar il-fatt li huma sidien tal-fond kif ukoll illi l-istess huwa mikri lill-intimat Barbara bis-saħħa tal-Kap. 69, dan tal-aħħar ma ġab l-ebda prova dwar l-allegata konċessjoni enfitewtika li skontu kellha ommu. L-appellanti jippretendu għalhekk li l-Qorti tal-ewwel grad kellha tinjora tali asserzjoni u tqis illi l-kirja li huwa jgawdi hija waħda a tenur tal-Kap. 69, ukoll in vista tal-fatt li kien l-inkwilin Barbara stess li fit-tweġiba għamel referenza għall-Att XXIV tal-2021. L-appellanti jilmentaw ulterjorment minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti rrimarkat illi fid-dikjarazzjoni *causa mortis* l-fond ġie mniżżel bħala liberu u frank u għalhekk, la soġġett għal xi konċessjoni emfitewtika u lanqas lokazzjoni. Jilmentaw illi, filwaqt li tali dikjarazzjoni *causa mortis* setgħet saret bi svista, il-valur tal-fond in kwistjoni ġie dikjarat fis-somma ta' €30,000 li juri li l-fond effettivament ma kienx wieħed liberu u frank. F'kull każ, ħadd mill-intimati ma kkontesta li l-intimat inkwilin igawdi minn kirja protetta u huma m'għandhom l-ebda interess isostnu dan li kieku ma kienx minnu.

12. Il-provi fl-atti huma:

12.1. affidavit tar-rikorrent Leonard Galea[2] fejn ikkonferma li huwa u r-rikorrenti ħutu Andrew Galea u Louise Anne Degiorgio wirtu l-fond in kwistjoni mingħand missierhom

[2] Fol. 7 et seq

id-dentist Edwin Galea li miet fit-22 ta' Mejju 2017[3], u r-rikorrenti ommhom, Mary Galea, wirtet l-użufrutt tal-istess. Xehed li l-fond *de quo* mhux dekontrollat[4] u ilu mikri lill-intimat Barbara u l-antenati tiegħu għal dawn l-aħħar sittin (60) sena li preżentement iħallas kera ta' €209.44c fis-sena;

12.2. dikjarazzjoni *causa mortis* datata 15 ta' Mejju 2018[5] li biha r-rikorrenti ddikjaraw li wirtu l-fond oġġett tal-kawża u ddeskrivewh bħala *"free and unencumbered and with all its rights and appurtenances ... valued at thirty thousand euro (EUR 30,000)".* Iddikjaraw ukoll illi l-istess fond kien ġie assenjat lid-*decujus* b'kuntratt ta' diviżjoni tad-19 ta' Frar 1975;

12.3. estratt mir-reġistru elettorali ta' April 2020[6] li juri li l-fond in kwistjoni huwa effettivament okkupat mill-intimat Barbara;

12.4. it-tweġiba tal-intimat Barbara[7] li tikkonferma li jgawdi minn kirja li tibbenefika mill-protezzjoni tal-liġi;

---

[3] Fol. 22
[4] Fol. 27
[5] Fol. 19 et seq
[6] Fol. 28
[7] Fol. 40 *et seq*

12.5. relazzjoni tal-Perit Tekniku AIC Michael Lanfranco dwar il-valur lokatizju tal-fond in kwistjoni fis-suq miftuħ bejn l-1987 sas-17 ta' Marzu 2021 f'intervalli ta' ħames snin;

12.6. affidavit tal-intimat Barbara li ddikjara li ilu jgħix fil-proprjetà in kwistjoni għal diversi snin b'titolu ta' ċens termporanju li, meta skada inbidel f'kera. Jgħid li l-kera oriġinarjament kienet fuq ommu u wara l-mewt tagħha sar l-inkwilin. Illum iħallas €209.44 fis-sena.

13. La r-rikorrenti u lanqas l-intimat Avukat tal-Istat m'għamlu kontroeżami tal-intimat Barbara, u fis-seduta tas-17 ta' Diċembru 2021 iddikjaraw li l-kawża tista' titħalla għas-sentenza. Hu paċifiku li l-inkwilin Barbara jgawdi minn kirja protetta.

14. Għalkemm l-inkwilin xehed li ommu kienet oriġinarjament enfitewta, ma ressaqx prova sabiex jikkorrabora dak li qal. Il-kuntratt tal-enfitewsi kien l-aħjar prova. Dan apparti li dik il-verżjoni hi kontradetta mir-raġunament li għamel fit-tweġiba li ppreżenta għar-rikors promotur tar-rikorrenti (ara paragrafi 6 u 7). Hekk ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet ma qalx li dak li kien iddikjara fir-risposta kien skorrett. Saħansitra fit-tweġiba li ppreżenta fil-kawża li sid il-kera fetaħ fil-Bord Li Jirregola l-Kera

għall-awment tal-kera skont l-Art. 4A tal-Kap. 69, qal: *"6.... jirrimetti ruħu għall-proċedura stabbilita f'artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta"*. B'sentenza tas-27 ta' Mejju 2022 il-Bord laqa' t-talba ta' sid il-kera u żied il-kera għal €3,000 fis-sena wara li kkonkluda li l-inkwilin jissodisfa l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi skont ir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u l-Artikolu 4A tal-Kap. 69.

15. Hu minnu wkoll li f'dikjarazzjoni *causa mortis* tal-15 ta' Mejju 2018 u li saret wara l-mewt ta' Edward Galea, ir-rikorrenti ddikjaraw li l-fond oġġett ta' din il-kawża huwa *"free and unencumbered"*. Madankollu irrispettivament minn dak li ddikjaraw u riedu jfissru b'dak il-kliem, il-provi juru li l-fond ilu snin twal mikri għand il-familja Barbara. Ir-rikorrent Leonard Galea xehed li kien ilu sittin sena mikri, filwaqt li fl-affidavit l-intimat Barbara ta x'jifhem li kien ilu mikri għal ħafna snin. Imbagħad fit-tweġiba għar-rikors tal-appell qal, *".... l-esponenti ilu jgħix fil-proprjeta snin twal ferm qabel l-1995. Fil-passat kien igħix ma' ommu u missieru f'din l-istess dar"*. Saħansitra illum il-ġurnata hemm ukoll sentenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera (590/2021NB) li ordnat żieda fil-kera skont il-proċedura f'Art. 4A tal-Kap. 69.

16. Għalhekk tilqa' l-aggravju tar-rikorrenti u tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat.

17. Il-Qorti mhijiex ser tibgħat l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi l-meritu, ġialadarba din hi kawża oħra mill-ħafna li nstemgħu u ġew deċiżi dwar kirjiet antiki protetti taħt il-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. Illum il-qrati huma mimlijin b'dawn it-tip ta' kawżi minħabba li għal snin twal il-leġislatur għażel li jpoġġi din il-problema taħt it-tapit u baqa' ma offriex rimedju lil sidien il-kera sabiex jirċievu kera diċenti.

18. Fl-ewwel lok ibbażat fuq dak li ntalab fl-ewwel talba tar-rikors promotur, għamlu sew ir-rikorrenti li ħarrku wkoll lill-inkwilin Barbara u għalhekk ser tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-inkwilin.

19. L-intimat Barbara jsostni wkoll li r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju oħra qabel fetħu din il-kawża. Fin-nota ta' sottomissjonijiet għamel referenza għall-kawża li kien hemm pendenti quddiem il-Bord Li Jirregola l-Kera (Leonard Galea et v. Gaetano Barbara et (590/21) deċiża fis-27 ta' Mejju 2022). Però dik il-kawża ma kinitx tagħti rimedju għal dak li ġara qabel daħal fis-seħħ l-Art. 4A tal-Kap. 69.

20. Għal dak li hu meritu, illum hu stabbilit li hemm ksur tal-jedd fundamentali protett taħt l-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea meta l-kera tkun baxxa paragunata mal-kera fis-suq ħieles. Il-

provi juru li l-kera li jħallas l-inkwilin hi fl-ammont ta' €209.44 fis-sena, kif konfermat minnu stess.

21. Il-perit tekniku nkarigat mill-Ewwel Qorti ta stima tal-valur lokatizju fil-perjodu bejn is-sena 1987 sas-17 ta' Marzu 2021 (data li fiha r-rikorrenti fetħu l-kawża).[8] L-istimi tal-valur lokatizju huma dawn:

| Sena | Kera fis-sena. |
|---|---|
| 1987 | €622 |
| 1992 | €1,019 |
| 1997 | €1,820 |
| 2002 | €2,435 |
| 2007 | €4,385 |
| 2012 | €3,962 |
| 2017 | €5,761 |
| 2021 | €8,160 |

22. Meta tikkunsidra l-istimi tal-valur lokatizju paragunat mal-kera li kienet titħallas, m'hemmx dubju li hemm nuqqas ta' proporzjonalità bejn l-interess ġenerali u l-interessi ta' sid il-kera. Il-ġurisprudenza kkonfermat ukoll li l-emendi tal-Att X tal-2009 li pprovdew għal żieda fil-kera, ma tawx

[8] Fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2021 l-Ewwel Qorti ordnat lill-perit tekniku sabiex *".... jirrelata dwar il-valur lokatizju tal-istess fond fis-suq miftuħ tal-proprjeta mill-1987 sas-17 ta' Marzu 2021 għall-perjodi ta' ħames snin kull wieħed"*.

rimedju effettiv lil sid il-kera għaliex xorta baqgħet teżisti diskrepanza konsiderevoli bejn l-awment fil-kera stabbilit skont l-Art. 1531Ċ tal-Kodiċi Ċivili u l-valur lokatizju tal-fond fis-suq ħieles. Għalhekk il-piż li kienu qegħdin iġorru sidien il-kera kien sproporzjonat u eċċessiv.

23. Il-Qorti tagħmilha ċara li l-fatt li l-kirja tibqa' tiġġedded u mhuwiex magħruf meta l-kirja lil Barbara ser tispiċċa, waħedhom mhuwiex biżżejjed biex jinstab ksur tal-jedd fundamentali meħud in konsiderazzjoni l-għan soċjali wara l-liġi. Il-problema hi l-kera baxxa li sid il-kera kellu jedd għaliha qabel daħal fis-seħħ l-Art. 4A tal-Kap. 69.

24. Skont il-kalkoli li għamlet din il-Qorti t-total ta' kera hu bejn wieħed u ieħor ta' €96,039. A bażi tas-sentenza <u>Cauchi v. Malta</u> (14013/19) deċiża mill-QEDB fil-25 ta' Marzu 2021, minn dik is-somma ser jitnaqqas 30% u mbagħad 20%. Total ta' €53,781. Irid jitnaqqas ukoll il-kera li sid il-kera suppost irċieva matul is-snin bażat fl-ammont ta' ċirka €7,500. B'hekk il-kumpens dovut hu ta' sitta u erbgħin elf mitejn u wieħed u tmenin ewro (€46,281). Somma li għandha tingħata lir-rikorrenti Mary Galea ġialadarba hi użufruttwarja tal-ġid ta' żewġha Edward Galea li miet fit-22 ta' Mejju 2017.

25. Għal dak li hu kumpens non-pekunjarju l-Qorti tqis li s-somma ta' ħamest elef ewro (€5,000) hi biżżejjed u għandha titħallas biss lir-rikorrenti Mary Galea ġialadarba wliedha huma biss werrieta ta' Edward

Galea filwaqt li ommhom kienet miżżewġa u għalhekk il-kera kienet tidħol fil-komunjoni tal-akkwisti u hi użufruttwarja.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tar-rikorrenti u tħassar is-sentenza appellata u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat.
2. Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-intimat Barbara bl-ispejjeż kontrih.
3. Tiddikjara li hemm ksur tal-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni kif spjegat hawn fuq.
4. Tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas kumpens ta' wieħed u ħamsin elf, tmien mija u għaxar ewro (€51,810) kif spjegat hawn fuq lir-rikorrenti Mary Galea, bl-imgħax ta' 5% mil-lum.

Salv għal dak li ngħad hawn fuq dwar spejjeż, l-ispejjeż taż-żewġ istanzi huma a karigu tal-Avukat tal-Istat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr